

Solennità tal-Epifanija tal-Mulej
Il-Ħadd 8 ta' Jannar 2023

# Aħbar Tajba

Is 60, 1-6
Salm 71 (72), 1-2.7-8.10-11.12-13
Ef 3, 2-3a.5-6
Mt 2, 1-12

"U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, **għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael."**

L-Evanġelju tal-lum nafuh sew. Il-Maġi ħallew djarhom biex jagħmlu vjaġġ twil wara kewkba mhux tas-soltu li wasslithom biex jiltaqgħu ma' Ġesù. Imma faċli li sena wara l-oħra naqraw din is-silta u ma nindunawx bil-messaġġ li l-Evanġelista jixtieq iwasslilna. Din is-silta tlaqqagħna ma' żewġ tweġibiet differenti li jista' jkollna f'ħajjitna. L-ewwel waħda hi t-tweġiba tal-egoist li jħalli l-biża' u l-kilba jirbħuh, u t-tieni hi t-tweġiba ta' dak li jħalli lil Alla jmexxih.

Dawn iż-żewġ tweġibiet jidhru fil-karattri tal-Maġi u tas-Sultan Erodi. Il-Maġi kienu nies ta' ċerta importanza, għorrief li jqattgħu ħajjithom jistudjaw biex ikunu jistgħu jgħinu lill-mexxejja bl-għerf kbir tagħhom. L-iktar ħaġa importanti għalihom kienet li jfittxu l-verità, tkun fejn tkun u għalhekk qatt ma kienu jieqfu josservaw in-natura u jaqraw kitbiet ta' nies oħra li bħalhom kienu studjużi. F'dak iż-żmien kienu jaħsbu li l-kwiekeb tas-sema kellhom effett fuq dak li jiġri fid-dinja u allura kienu jqattgħu ljieli sħaħ josservawhom. Din il-kurżità kbira tagħhom kienet it-tieqa li Alla ddeċieda li jidħol minnha biex isejħilhom. Mhux għax il-kwiekeb għandhom xi effett fuqna, imma Alla ħafna drabi hekk jaħdem, b'paċenzja kbira jara fejn qed inħarsu u hemm iħalli s-sinjali tiegħu. Hekk, il-Maġi qabdu triqthom biex jaraw dik il-kewkba mhux tas-soltu fejn kienet se teħodhom.

Imma t-tieni karattru tagħna, Erodi, mhux hekk għamel. Is-sinjal tiegħu kienu t-tliet għorrief tagħna, il-Maġi, li marru għandu b'aħbar mill-isbaħ. Għax f'artu twieled xi ħadd hekk importanti li l-kwiekeb tas-sema kienu sinjali tiegħu. Imma għal din l-aħbar Erodi jwieġeb b'mod ħafna differenti. Ma riedx jitlef postu, tgħidx kemm kien stinka biex ikollu l-ġid u l-poter li kellu. Tgħid ma kienx se jħalli lil xi ħadd jeħodlu s-saltna?! L-istorja tafuha sew, imma x'inhi t-tagħlima tagħna llum?

Kull wieħed u waħda minna għandna għażla quddiemna. Alla qatt mhu se jġagħalna nagħmlu xi ħaġa li ma rridux, u allura kull darba li jsejħilna biex nagħmlu xi ħaġa nistgħu nkunu bħall-Maġi u naċċettaw, imma nistgħu wkoll inwebbsu rasna u ma naċċettawhiex! Imma liema taħsbu hi l-aħjar għażla? L-Evanġelju jagħtina r-risposta minnufih, dik tal-Maġi, għax għalkemm it-triq tista' tkun twila u diffiċli, il-premju hu ferm ikbar!

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
ĠESÙ, BETLEHEM, LHUDIJA, MAĠI, LVANT, KEWKBA, ERODI, TEŻORI, DEHEB, INĊENS, MIRRA, ĦOLMA.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | T | I | N | K | A | M | A | Ġ | I |
| B | E | T | L | E | H | E | M | E | N |
| A | Ż | R | H | W | IE | R | I | S | Ċ |
| L | O | GĦ | U | K | É | O | R | Ù | E |
| T | R | Ú | D | B | T | D | R | S | N |
| A | I | R | I | A | R | I | A | A | S |
| Z | A | N | J | D | E | H | E | B | R |
| A | L | V | A | N | T | Ż | U | Ż | D |
| M | E | L | K | J | O | R | N | A | I |
| F | G | A | S | P | A | R | I | N | N |
| J | T | E | R | R | A | M | A | X | E |
| U | L | I | Ħ | O | L | M | A | K | L |
| R | B | R | E | R | I | J | A | A | L |



"U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda,

**għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael."**

## Il-Mużika fi żmien Kristu

Il-ħajja ta' Kristu kienet mibnija fuq il-kultura Lhudija u għalhekk minn mindu kien tifel żgħir u kien jisma' l-Iskrittura tinqara u kien ukoll jitgħallem partijiet minnha. Is-Salmi kienu parti importanti mill-edukazzjoni Lhudija. Kien jattendi s-Sinagoga u ta' tnax-il sena nafu li kien żar it-Tempju ta' Ġerusalemm flimkien ma' ommu Marija u San Ġużepp. Fil-fatt l-Evanġelji jgħidulna li hu kien intilef fit-Tempju u l-ġenituri tiegħu sabuh jiddiskuti u jitkellem fuq l-Iskrittura mal-qassisin u l-iskribi. Fit-Tempju ta' Ġerusalemm kienu jitkantaw is-Salmi flimkien ma' daqq ta' strumenti mill-anqas darbtejn kuljum wara kull sagrifiċċju. Ġesù kien ukoll ta' sikwit jattendi is-Sinagoga tal-Galilija u hemmhekk kienu jaqraw mil-Iskrittura kif ukoll ikantaw is-Salmi. Ta' min insemmu l-ġrajja ta' Ħadd il-Palm fejn il-folol ta' nies imxew ma' Ġesù tul it-triq li twassal għal Ġerusalemm u bdew jgħajtu u jkantaw "Hosanna! Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej! Imbierek is-sultan ta' Iżrael!" Waqt l-Aħħar Ċena, li Kristu kien jiċċelebraha kull sena mal-appostli u d-dixxipli tiegħu, wara l-ikla huma kienu jkantaw is-Salmi. Żgur li Kristu u l-appostli tiegħu kienu jużaw il-mużika b'mod li tgħinhom ifaħħru lil Alla! '



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com








mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**







**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION